# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Novembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Adel Dawah**

**Kumpilazzjoni Nru: 1154/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adel Dawah, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 528895(M).

Akkuzat talli:

Fis-26 ta' Marzu 2010 ghal habta tal-10:00 ta' fil-ghaxija, gewwa Putirjal, il-Furjana, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra (mus), ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ali Mohammed Hassan, skond ma ccertifika t-tabib Dr. Allan Drago M.D. mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 64, 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, garr sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu

licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480, tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338 (m) u (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat in-nota ta' l-Avuikat Generali permezz ta' liema, ai termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja ghal reati prospettati fis-segwenti dispozizzjonijiet:

- 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 6, 51(7), 51(9) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 338(m) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja,

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh il-Belt nhar is-26 ta' Marzu 2010 li beda fuq rapport li sar l-ghassa tal-Pulizija il-Belt minn spettur ta'l-ADT.

Illi PS343 Glen Carabott xehed u qal li f'l-24 ta' Marzu 2010[1] ghall-habta ta'l-10.00pm spettur ta'l-ADT, li kien xoghol fil-bus terminus, cempel l-ghassa biex jinforma lill-pulizija li kien hemm glieda bejn zewg persuni ta' nazzjonalita Gharbija. Ix-xhud flimkien ma' zewg pulizija ohra marru fuq il-post, gew infurmati lil-glieda kienet hdejn il-kiosk tal-halib, pero ma sabux

[1] Mill-okkorrenza esebieta mill-istess xhud (Dok GC1 a fol 175) jirrizulta li l-incident sehh fis-26 ta' Marzu 2016.

lill-persuni koncernati ghalhekk marru lura l-ghassa. Meta waslu hemm x-xhud ra persuna tavvicina l-ghassa; din il-persuna, ragel, kellu demm fuqu u malli nduna bil-pulizija rema oggett minn idejh. PS343 ikompli jirrakkonta li huwa mar fuq dan ir-ragel, gabar l-oggett li kien rema (li kien mus kulur silver), u ha lir-ragel f'l-ghassa. Minn hemm dan ir-ragel ittiehed l-isptar permezz ta' ambulanza. Eventwlament giet stabbilita l-identita ta' dan ir-ragel: Ali Mohammed Hassan. Gara ukoll li ghall-habta ta'l-10.30pm xi hadd mic-centru tas-sahha tal-Furjana cempel l-ghassa tal-Belt biex jinfurmawhom li kien mar ragel b'xi griehi u ntalbet l-assistenza tal-pulizija. Dan ir-ragel kien l-imputat, Adel Dawah. Meta l-pulizija marru c-centru tas-sahha u ghamlu tfixxija fuq il-persuna ta' Dawah sabu mus li jinghalaq; il-mus gie sekwestrat u wara li nghata l-kura necessarja Dawah gie arrestat. A tempo vergine z-zewg persuni koncernati, cioe kemm Hassan kif ukoll Dawah, qalu lill-pulizija li huma kien xorbu hafna u ma setghux jiftakru x'kien gara.

Illi xehedu ukoll PC258 Mario Mallia u PC724 Marco Pisani; huma jaghtu bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni. Jghidu li rcevew telefonata dwar glieda fil-bus terminus pero sa kemm marru hemm ma sabu xejn ghalhekk marru lura l-ghassa. Ftit wara ircevew telefonata mic-centru tas-sahha tal-Furjana u intalbet l-ghajnuna taghhom. Huma marru hemm u sabu lill-imputat u meta ghamlu tfixxija fuq il-persuna tieghu sabu mus.

Illi mid-depozizzjoni tat-tobba koncernati[2] jirrizulta li Ali Mohammed Hassan soffra diversi griehi kkawzati b'strument bil-ponta; il-griehi kienu f'ghonqu, fuq in-naha ta' nwara ta' rasu, fuq spallejh u fuq daharu. Dawn il-griehi ma kkawzawx problemi interni u gew deskritti bhala gravi per durata. L-imputat min-naha l-ohra kellu feriti f'dirajgh u spallejh.

Illi xehed ukoll l-ufficjal investigattiv l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Hu jghid li wara li l-imputat gie arrestat hu hadlu stqarrija. F'din l-istqarrija[3] l-imputat jghid biss li huwa kien hareg mal-mara u t-tifla u marru jiehdu xi haga f'gabbana fil-bus terminus; maghhom kien hemm wiehed jismu Hasan. Dawah jaf li hu xorob hafna, u li anke Hasan xorob u f'xi hin kellhom argument, pero la jiftakar fuq xiex kien l-argument, la jaf kif zvolga u lanqas kien jaf jekk Hasan weggax jew le f'dan l-argument. L-ufficjal investigattiv jghid li hu ma kellux l-opportunita jiehu l-verzjoni ta'Ali Mohammed Hasan

[2] Dr Nicola Caruana a fol 44 u Dr Mark Anthony Biancardi a fol 86.
[3] Esebieta a fol 10.

ghaliex sa kemm ha l-istqarrija ta’ l-imputat huwa gie infurmat mit-tobba li Hasan kien telaq mill-isptar; l-ispettur jghid li prova jfittex lil dan Hasan pero ma setax isibu. L-ispettur Micallef Grimaud esebixxa l-mus li gie elevat minn fuq il-persuna ta’l-imputat.

Illi eventwalment Ali Mohammed Hassan instab u tressaq bhala xhud; huwa iddepona f’l-10 ta’ Gunju 2010 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. F’depozizzjoni qasira hafna, u mistoqsi ”*x’gara mas-Sur Dawah*”, Hasan jghid li l-imputat ma kienx involut fil-glieda li fiha hu wegga. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci verbatim il-parti relattiva mid-depozizzjoni ta’ Hasan.

| | |
|---|---|
| *Il-Qorti:* | *Sur Hasa, x’gara mas-Sur Dawah?* |
| *Xhud:* | *Xejn mhux ma dan iggielid* |
| *Il-Qorti:* | *Mhux hu?* |
| *Xhud:* | *Mhux hu.* |
| *Il-Qorti:* | *Jigifieri int mhux mieghu iggielid?* |
| *Xhud:* | *Le mhux mieghu.* |
| *Il-Qorti:* | *Jigifieri hu m’ghamillek xejn?* |
| *Xhud:* | *Le* |
| *Il-Qorti:* | *Ma min iggielid?* |
| *Xhud:* | *Ma wiehed jismu Adel mill-Libja.* |
| *Il-Qorti:* | *Ma Libjan. Jismu?* |
| *Xhud:* | *Adel.* |
| *Il-Qorti:* | *Pero mhux is-Sur Dawah?* |
| *Xhud:* | *Le mhux dan.* |
| ..... | |
| *Il-Qorti:* | *Jjigifieri int cert li mhux l-imputat?* |
| *Xhud:* | *Le mhux dan.* |

Illi fil-kors tal-proceduri giet nominata Dr Marisa Cassar biex televa tracci ta’ DNA minn fuq il-mus li gie elevat minn fuq il-persuna ta’l-imputat u taghmel ezami komparattiv mad-DNA ta’ Ali Mohammed Hassan. Dan l-ezercizju l-epsert ghamlitu u rrizulta li l-profil genetiku li rrizulta mit-tracci tad-demm li kien hemm fuq dak il-mus ma qabilx mal-profil genetiku ta’ Hassan. Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-mus li rema’ Hasan u li ngabar minn PS343 qatt ma gie esebiet in atti.

Ikkunsidrat

Illi ngiebu erbgha imputazzjonijiet fil-konfront ta’ l-imputat:

- Li ikkawza offiza gravi fuq il-persuna ta’ Ali Mohammed Hasan.
- Li garr strument li jaqta jew bil-ponta minghajr licenza;
- Li kiser il-mistrieh tan-nies;
- Li huwa recidiv.

Illi pero l-ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet giet pruvat.

Illi l-ewwel u qabel kollox l-parte leza qalet bla tlaqliq li l-persuna li maghha kellha l-argument ma kienx l-imputat. Aktar minn hekk fir-rapport taghha Dr Marisa Cassar ikkonkludiet li d-demm li nstab fuq il-mus li kellu l-imputat ma kienx ta’ Hasan. Din hija indikazzjoni cara li ma kienx dak il-mus (ta’l-imputat) li ntuza biex gew kawzati il-griehi ta’ Hasan. Fid-dawl ta’ dan u fin-nuqqas ta’ xi provi ohra (inkluz xhieda okkulari) li jikkonfermaw li l-persuna li maghha kellu argument l-imputat kien propju Ali Mohammed Hassan l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi ghalkemm irrizulta li l-imputat kellu mus fil-pussess tieghu ma ngabitx prova li huwa ma kellux licenzja biex ikun jista’ jgorr dak il-mus; it-tieni imputazzjoni ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni kull ma jirrizulta hu dak li jghid l-imputat f’l-istqarrija tieghu stess u cioe li kien xorob u kellu argument ma’ certu Hasan. Ma gabet l-ebda prova sufficjenti fil-Ligi kif svolga dan l-argument u li waqt dan l-argument kien hemm ghajjat jew storbju ghaliex l-imputat ma jiftakar xejn u l-persuni li kienu fuq il-post fil-hin ta’l-incident u li rrappurtah lill-pulizija ma tressqux bhala xhiedha.

Illi r-raba imputazzjoni hija konsegwenzjali ghal sejbin ta’ htija dwar xi wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra, ghalhekk lanqas din ma tista’ tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**